# *L-Esperjenza tiegħi man-Nanniet*

Minbarra li għandi erba' nanniet, għandi wkoll Bużnannu. Il-Bużnannu David jinsab f'dar tal-anzjani f'Tas-Sliema u mmur inżuru darba fil-ġimgħa. Sa sentejn ilu, kelli wkoll il-Bużnanna Ġużeppa, li kont il-mimmi t'għajnejha u kienet issejjaħli ċ-"Ċkejkna Marija".

Matul dawn l-aħħar xahrejn, kelli x-xorti nżur darbtejn id-dar tal-anzjani taż-Żejtun. Id-darbtejn innutajt kif jixgħel wiċċ in-nanniet hekk kif jaraw lit-tfal. Tant jifirħu li joħorġilhom id-dmugħ minn għajnejhom. Jista' jkun li għax jiftakru b'nostalġija fi tfulithom, imma jista' jkun ukoll għax ma jkunx hemm min imur iżurhom. Ma nistax inneħħi minn quddiem għajnejja lil waħda anzjana fis-sodda, li tant ferħet li bdiet iċċapċap u tkanta. F'dawn iż-żewġ okkażjonijiet, lill-anzjani tajthom xi ħelu u ħobż ħelu. Il-ferħ li ħassejt meta rajthom jifirħu ma kontx inħossu li kieku rbaħt il-lotterija! Kien hemm min talabna nibqgħu ħdejh.

Dawn in-nanniet miġburin fid-djar ma jkun jonqoshom xejn, ħlief il-preżenza ta' dawk li jħobbu. Illum nirrealizza x-xorti li kellha l-Bużnanna li baqgħet magħna sal-aħħar, u l-Bużnannu, li għalkemm ġo dar tal-anzjani, kuljum ikun imdawwar bil-membri tal-familja.

*Marija Camilleri, 1 Garnet*



